MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 118/2005

**_Maltacom plc_ gia Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Mandy Delia**

Il-Qorti:

Rat l-att tar-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ippremettiet:

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru. 1891/98GC) giet deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru, 1998, u fl-istess kawza l-konvenuta giet kkundannata thallas lis-socjeta' kummercjali *Maltacom plc* s-somma ta' Lm1092.82 (elf u tnejn u disghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu), *in konnessjoni* mas-servizz telefoniku numru 661178, bl-imghax u bl-ispejjez.

Mill-imsemmija somma l-konvenuta halset biss is-somma ta’ Lm60 (sittin lira Maltin), u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa ta’ Lm1032.82 (elf u tnejn u tletin Lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu), *oltre* Lm115.16 (mija u hmistax-il lira Maltin u sittax-il centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument *“A”* kif ukoll Lm488.86 (erba’ mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm1,636.84 (elf sitt mija u sitta u tletin Lira Maltin u erba’ u tmenin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permess tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors giet debitament notifikata lill-intimata li naqset li tipprezenta risposta jew tidher u tikkontesta t-talba u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-intimata tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------